REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 26/2010

tat-12 ta' Jannar 2010

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 872/2004 li jirrigwarda iktar miżuri restrittivi li għandhom x'jaqsmu mal-Liberja

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 872/2004 tad-29 ta' April 2004 dwar iktar miżuri restrittivi li għandhom x'jaqsmu mal-Liberja [1], u partikolarment l-Artikolu 11 (a) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 872/2004 jelenka l-persuni, korpi u entitajiet fiżiċi u ġuridiċi li huma koperti mill-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi taħt dak ir-Regolament.

(2) Fis-16 ta' Diċembru 2009, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li jemenda l-lista tal-persuni, gruppi u entitajiet li għalihom għandhom japplikaw l-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi. L-Anness I għandu għalhekk jiġi emendat kif jixraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 872/2004 hu emendat kif stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Jannar 2010.

Għall-Kummissjoni,

f'isem il-President,

João Vale DE ALMEIDA

Direttur Ġenerali għar-Relazzjonijiet Esterni

[1] ĠU L 162, 30.4.2004, p. 32.

ANNESS

L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 872/2004, huwa emendat kif ġej:

Għandhom jitneħħew dawn il-persuni fiżiċi li ġejjin:

"Ali **Kleilat** (magħruf ukoll bħala (a) Ali **Qoleilat**, (b) Ali Koleilat Delbi, (c) Ali Ramadhan Kleilat Al-Delbi, (d) Ali Ramadan Kleilat Al-Dilby, (e) Ali Ramadan **Kleilat**, (f) Ali Ramadan Kleilat Sari). Data tat-twelid: 10.7.1970 (is-sena tat-twelid miktuba fuq xi passaporti tiegħu hi l-1963). Post tat-twelid: Beirut, il-Libanu. Ċittadinanza: Libaniża. Nru tal-passaporti: (a) 0508734, (b) 1432126 (il-Libanu), (c) Regolari-RL0160888 (il-Libanu), (d) D00290903 (il-Liberja), (e) Z01037744 (l-Olanda), (f) Regolari-B0744958 (il-Venezwela). Nru tar-Reġistru Nazzjonali: 2016, Mazraa. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 6(b): 23.6.2004."